**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 291/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Abdulgaader Dafer**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Abdulgaader Dafer**, imwieled il-Libja fit-13 ta' Ottubru 1986 u detentur tal-Karta ta' l-Identità Maltija bin-Numru 132880A, talli nhar is-6 ta' April 2023, għall-ħabta tas-6:00p.m., mill-fond Nru. 18, St. Anthony, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-eflejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok a dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

2. B'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè tkissir ta' ħġieġ tal-bieb ta' barra ta' l-istess fond, liema ħsara ma tiskorrix il-mitjen u ħamsin Euro (€250) u li saret għad-dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JM1" u Dok. "JM2" a fol. 5 u 6 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

---

[1] Fol. 9 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Mercieca mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' April 2023[2], tal-25 ta' Mejju 2023[3] u ta' l-1 ta' Ġunju 2023[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JM3" u Dok. "JM4" a fol. 16 sa' 21 tal-proċess, Dok. "JMX" a fol. 76 tal-proċess, Dok. "JMX" u Dok. "JMX1" a fol. 80 u 81 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dorianne Abdilla mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' April 2023[5] u tal-25 ta' Ġunju 2024[6] u x-xhieda ta' l-Uffiċjal Ċivili Matthew Galea u l-Uffiċjal Ċivili Peter Bonello[7], ta' PS995 Christian Mangion[8] u ta' PS1024 Jeffrey Rizzo[9] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2023 u rat ir-Rapport ta' l-Uffiċjali Ċivili Matthew Galea u Peter Bonello markat Dok. "PB" a fol. 37 sa' 59 tal-proċess, ir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri ippreżentat min PS995 Christian Mangion markat Dok. "CM" a fol. 64 sa' 67 tal-proċess u l-pendrive esebita minn PS1024 Jeffrey Rizzo markata Dok. "JR" a fol. 71 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nuzma Dafer mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023[10] (dan ix-xhud xehed għall-finijiet ta' talba għall-ħelsien mill-arrest li kienet saret mill-imputat) u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "ND" a fol. 86 sa' 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christian Abela[11], ta' Angela Craus[12], ta' Sarah Ezebe[13] u ta' l-imputat[14] (dawn ix-xhieda, inkluż l-imputat, xehdu għall-finijiet ta' talba għall-ħelsien mill-arrest li saret mill-imputat) mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2023, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco u ta' Antonia Abdilla[15] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2023 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 115 sa' 132 tal-proċess u d-dokument esebit minn Antonia Abdilla markat Dok. "AA" a fol. 140 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS844 Carl Micallef[16] u ta' Evan Balzan[17] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Awwissu 2023 u rat ir-Rapport ta' PS844 Carl Micallef markat Dok. "CM" a fol. 142 sa' 151 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1191 Jonathan Galea Polidano mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023[18] u x-xhieda ta' Dr. Katya Vassallo mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023[19] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat imħejjija u esebita minnha a fol. 160 sa' 177 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt

[2] Fol. 15a u 15b tal-proċess.

[3] Fol. 72 sa' 75 tal-proċess.

[4] Fol. 79 tal-proċess.

[5] Fol. 21A sa' 21I tal-proċess.

[6] Fol. 650 sa' 655 tal-proċess.

[7] Fol. 34 sa' 36 tal-proċess.

[8] Fol. 62 u 63 tal-proċess.

[9] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.

[10] Fol. 84 u 85 tal-proċess.

[11] Fol. 92 sa' 94 tal-proċess.

[12] Fol. 95 tal-proċess.

[13] Fol. 96 u 97 tal-proċess.

[14] Fol. 98 u 99 tal-proċess.

[15] Fol. 133 sa' 139 tal-proċess.

[16] Fol. 141A u 141B tal-proċess.

[17] Fol. 151A sa' 151C tal-proċess.

[18] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[19] Fol. 159A tal-proċess.

is-seduti tat-12 ta' Ottubru 2023[20] u tat-8 ta' Jannar 2024[21] u rat ir-Relazzjonijiet tiegħu markati Dok. "KC" a fol. 180 sa' 611 tal-proċess u Dok. "KCX" a fol. 628 sa' 642 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 9 ta' Frar 2024[22], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(b), 261(ċ), 261(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024[23], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat illi fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024[24], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti fehmitu bi kliem sempliċi l-implikazzjonijiet legali ta' tali amissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, fejn id-Difiża ddikjarat li l-imputat lest li jħallas lura lil Antonia Abdilla l-ammont minnu lilha misruq u d-danni minnu lilha kawżati, liema pagament jista' jibda jsir fil-mori tad-differiment sa' l-għoti tas-sentenza. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li fiċ-ċirkostanzi u kemm-il darba l-imputat dispost iħallas lil Antonia Abdilla u jibda jeffettwa ħlas anke qabel is-sentenza, mhux se tinsisti fuq piena karċerarja effettiva;

Rat li waqt is-seduta ta' llum 21 ta' Novembru 2024, il-Qorti staqsiet lid-Difiża jekk l-imputat bediex jeffetwa pagamenti lil Antonia Abdilla kif minnu affermat waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024, u t-tweġiba kienet fin-negattiv;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-6 ta' April 2023, għall-ħabta tas-6:00p.m., mill-fond Nru. 18, St. Anthony, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun: (1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37,

[20] Fol. 178A u 178B tal-proċess.

[21] Fol. 627A u 627B tal-proċess.

[22] Fol. 644 tal-proċess.

[23] Fol. 646 tal-proċess.

[24] Fol. 657 tal-proċess.

u bil-lok a dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (2) B'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè tkissir ta' ħġieġ tal-bieb ta' barra ta' l-istess fond, liema ħsara ma tiskorrix €250 u li saret għad-dannu ta' Antonia Abdilla u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 9 ta' Frar 2024[25], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(b), 261(ċ), 261(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għall-ewwel l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024[26], fi stadju inoltrat ta' dawn il-proċeduri u wara li nstemgħu diversi provi u anke nħarġet in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl tal-provi prodotti, minn liema jirriżulta li s-somma li nsterqet mill-imputat lil Antonia Abdilla minn ġewwa r-residenza tagħha waqt li hija kienet l-Isptar Mater Dei, hija ta' €7,000 u l-ħsara kawżata mill-istess imputat fil-bieb ta' barra tar-residenza ta' Antonia Abdilla tammonta għal €150, l-imsemmi imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u dana kif riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u ċ-ċirkostanzi f'liema twettqu. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li minkejja dak sottomess mid-Difiża waqt is-sottomissjonijiet dwar il-piena, l-imputat ma effettwa l-ebda pagament, imqar akkont, lil Antonia Abdilla. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat esebita fl-atti hija netta u li għall-finijiet ta' piena t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 261(b)(ċ)(e), 263(a), 264, 267, 269(g), 278(1)(2), 279(b), 280(2) u l-proviso ta' l-istess u 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, kemm fuq l-ammissjoni tiegħu stess kif ukoll a bażi tal-provi prodotti, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah għall-perijodu ta' tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija effettiva.

[25] Fol. 644 tal-proċess.

[26] Fol. 657 tal-proċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lil Antonia Abdilla s-somma komplessiva ta' €7,150, konsistenti fis-somma ta' €7,000 minnu lilha misruqa u s-somma ta' €150 rappreżentanti l-ħsara minnu kawżata fil-bieb ta' barra tar-residenza tagħha.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Antonia Abdilla. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-segwenti ammonti:

Is-somma ta' €2,329.44 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[27];
Is-somma komplessiva ta' €4,653.02 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar - **komplessivament ammontanti għal €6,982.46**.

Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputat ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[27] Fol. 121 tal-proċess.